# Kunsill Lokali Mġarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt


**Seduta numru 34 tas-Sitt Leġislatura**
**Illum it-Tlieta 28 ta’ Settembru 2011**

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Kommunikazzjonijiet*
4. *Annallizzar tal-offerti miftuħa fl-aħħar sejħiet ta’ Tenders*

5. *Ġbir ta’ Skart tar-Restaurants*

5. *Affarijiet Mixxellanji*

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, il-Viċi-Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsiliera Maria Said, il-Kunsillier Giovanni Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**
*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

*Punti mill-Minuti*

1.2 dwar punti 5 – kien hemm feedback pożittiv dwar l-attivitajiet marbutin mal-Car Free Day li saret fit-18 ta’ Settembru 2011. Intqal li kien hemm nuqqas viżżibli ta’ karozzi u dan jixhed li l-għan ta’ din lil-ġurnata u l-attivitajiet fil-lokalita’ intlaħaq. Il-Kunsill kien jixtieq kieku kien hemm aktar attendenza għall-attivitajiet, iżda wkoll wera’ s-sodisfazzjoni tiegħu li uħud mill-attivitajiet kienu popolari ħafna, bħalma kienu il-volleyball u z-zumba.

1.3 dwar punt 2.1 – Eman Vella informa li l-artikli u l-kitbiet kollha għall-ħarġa lil jmiss tal-Miġbħa għandhom jaslu għandu sas-7 ta’ Ottubru.

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

1.4 dwar punt 1.4 – l-avveniment finali tal-kors tad-Drama ser isir fit-30 ta' Settembru, bir-rehearsal ġenerali jsir fil-ġurnata ta' qabel. Il-Kunsill qabel unanimament li bħala inkorraġġiment lejn il-parteċipanti ta' dan il-kors, ser jorganizza ħarġa kulturali għall-produzzjoni teatrali f' wieħed mid-diversi teatri ta' pajjiżna.

1.5 dwar punt 2.6 – dan il-każ kien attenda għalih l-Avukat tal-Kunsill, Dr Fenech Adami, iżda l-każ kien ġiet deferit mill-MEPA.

1.6 dwar punt 3.1 – dwar it-tiżjin tal-Milied saret diskussjoni u ntlaħaq ftehim fejn kien ser jiġi mistħarreġ proċeduri li mxew bihom lokalitajiet oħra u li dan il-punt jitpoġġa fuq l-aġenda għas-seduta li jmiss. Il-Kunsill għandu l-ħsieb li joħroġ budget għall-dan il-għan.

1.7 dwar punt 3.2 – Eman Vella informa li avviċina lill-Profs. Antoine Vella u dan spjegalu li kien qed jagħmel kors bħalissa. Għalhekk ġie deċis li jitħalla ftit aktar żmien jgħaddi qabel il-Kunsill jerġa' jara l-possibilta' ta' dan il-kors.

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*.

2.3 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku semma' l-istqarrija għall-istampa li ħareġ il-Kunsill dwar ir-relokazzjoni tal-pompa tal-petrol mill-pjazza tal-lokalita'. Il-Kunsill reġa' tenna li, bħalma għamel b' mod konsistenti sa' minn dejjem, il-Kunsill kien favur li din il-pompa ma tibqax fil-pjazza.

3.2 Is-Sindku semma' wkoll l-istqarrija għall-istampa l-oħra li ħareġ il-Kunsill dwar il-problemi persistenti minħabba r-rottot tat-trasport tal-Arriva. Fiha, il-Kunsill ppropona rotta diretta għall-belt Valletta, speċjalment fil-ħinjiet ta fil-għodu meta t-trasport pubbliku jkun użat ħafna speċjalment mill-istudenti.

3.3 Is-Sindku semma' wkoll li saret laqgħa li għaliha attendew hu u Eman Vella flimkien mal-Institute for Earth Sciences tal-Universita' ta' Malta dwar il-possibilita' ta' talba għad-devoluzzjoni tas-sit f' Ta' l-Għasfura. *(Ara punt 6.1)*

3.4 Issemma' wkoll rapport li ġie ppubblikat fuq L-Orrizzont tat-Tnejn 26 ta' Settembru 2011 (paġni 1 u 7) bit-titlu ta' 'Żbarazz ta' Velenu Kimiku'. Il-Kunsill qabel li

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

għandha toħroġ korrezzjoni peress li kien hemm diversi punti ineżatti f' dan ir-rapport.

**4. Annallizzar tal-offerti miftuħa fl-aħħar sejħiet ta' Tenders**

4.1 Saret laqgħa bejn is-Sindku Paul Vella, il-Deputat Sindku Eman Vella u Clayton Gauci fl-20 ta' Settembru 2011 biex ġew annalizzati is-sejħiet li daħlu. F' din il-laqgħa ġie nnuttat li :

i. <u>Pubblikazzjoni tal-katalogu tal-Biolmed</u> : waslet offerta waħda mingħand il-kumpanija Advert Eyes Ltd. Saru laqgħa bejn is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u din il-kumpanija fejn fiha ġew esplorati diversi possibilitajiet ta' kif jista' jsir dan il-katalogu. Il-Kunsill qabel unanimement li dan ix-xogħol jingħata lill-Advert Eyes Ltd u x-xogħol fuq il-katalogu jibda' mill-aktar fis possibli.

ii. <u>Xogħol ta' manteniment fuq il-binjiet tal-gvern</u> : saret laqgħa bejn is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, il-perit Melanie Spiteri tal-Awtorita' tad-Djar, il-Perit tal-Kunsill Mariello Spiteri, u Adrian Farrugia ta' Home Cares Solution (li kien l-uniku bidder għall-dan it-tender). Saret ukoll spezzjoni fil-postijiet u ġie deċiż li fuq Block A Triq il-Plejju u Block B Triq il-Ganfra ssir manutenzjoni tat-tankijiet tal-ilma fuq il-bjut kif ukoll issir il-waterproofing membrane. Għaldaqstant, HCS intalbu jibgħatu rati ġodda. Dan il-bdil ser isir peress li ix-xogħol propost issa hu meqjuż aktar importanti u urġenti minn dak propost fil-bidu.

iii. <u>Sinjali tat-Traffiku u marki tat-toroq</u> : il-Kunsill ra t-tlett offerti għal din is-sejħa, mingħand il-Koptasin, B. Grima & Sons. Ltd. u MCFR Ltd. L-offerta tal-Koptasin kienet l-aktar waħda għolja u għalhekk ġiet eliminata. Iż-żewġ offerti l-oħra kienu simili ħafna. Għaldaqstant ħa in konsiderazzjoni il-fatt li peress li dan l-aħħar żmien ħadem ma' B. Grima & Sons. Ltd. u dawn dejjem taw risultati sodisfaċenti u immeddjata, u peress li r-'response time ta' dawn kien aktar effiċjenti minn dak ta' MCFR Ltd., il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tingħata lill-B. Grima & Sons. Ltd.

iv. <u>Servizzi ta' Perit</u> : il-Kunsill irċieva erbgħa offerti. Peress li n-natura ta' din is-sejħa hija waħda mifruxa, teknika u kumplessa, saret deċiżjoni li kull offerenti jintalab jattendi għall-intervista fejn fih jintalab jispjega aħjar it-talba mitfugħa. Ġie deċiż li l-offerenti kollha jintalbu jattendu għall-din l-intervista.

v. <u>Provista ta' Konkrete</u> : Il-Kunsill innota il-ħames offerti li rċieva għall-dan it-tender. Il-Kunsill għamel diskussjoni preliminari fejn fiha ġie ġie diskuss li l-aktar tip ta' materjal li jintuża huwa dak tat-tip C20 u C25.
F' dan l-istadju, is-Sindku Paul Vella informa li minħabba il-possibilta' ta' kunflitt ta' interess, ma kienx ser jieħu sehem fid-diskussjoni u kull tip ta'

deċiżjoni. Minħabba f' hekk, id-diskussjoni dwar dan it-tender tmexxiet mid-Deputat Sindku, Eman Vella.
Wara diskussjoni u analizi ta' kull offerta, ġie nnuttat li Ballut Blocks Ltd. kien qed joffri l-irħas offerta, speċjalment fuq is-C20 u C25. Sar qbil unanimu li għaldaqstant din is-sejħa tingħata lill-Ballut Blocks Ltd.

Hawnhekk is-Sindku reġa' ħa postu u ġie nfurmat bid-deċiżjoni ta' hawn fuq. Il-laqgħa tkompliet titmexxa' mis-Sindku.

**5. Ġbir ta' skart tar-Restaurants**

5.1 Saret diskussjoni dwar il-ftehim li s-sidien tal-ħwienet kummerċjali għandhom mal-MTA dwar ir-rimi ta' skart.

5.2 Ġie nnuttat li s-servizz ta' Euro Clean Ltd. li bħalissa qiegħed jiġbor l-iskart ta' dawn l-istabilimenti ser itemm is-servizzi tiegħu fl-aħħar ta' Ottubru.

5.3 Għaldaqstant ġie propost li tissejjaħ laqgħa bejn il-Kunsill, Il-GRTU, l-MTA u s-sidien tal-ħwienet biex isir spjegazzjoni dwar din is-sitwazzjoni u jiġu diskussi proposti biex jilqgħu għall-dan.

**6. Affarijiet mixxelanji**

6.1 Eman Vella semma' d-diskuzzjonijiet li saru dwar il-proġett tar-rinovvazzjoni tas-sit f' Ta' l-Għasfura u l-proġett tat-twaqqif ta' Ċentru ta' Interpretazzjoni f' dan is-sit. Issemma' kif diġa' saru studju mill-Institute for Earth Sciences tal-Universita' ta' Malta dwar dan il-proġett u kif diversi entitajiet oħra ser ikunu qegħdin jikkontribwixxu. Għaldaqstant, wara diskussjoni, intlaħaq qbil li ssir applikazzjoni formali mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għad-devoluzzjoni ta' din l-art. *(Ara punt 3.3)*

6.2 Eman Vella staqsa f' hix wasal il-proġett tal-Ġnien fil-Housing Estate. Paul Vella informa li l-proġett qiegħed quddiem il-MEPA u saru diskussjonijiet mal-Perit tal-Kunsill dwar dan il-proġett. Is-Sindku ser ikun qed jinforma lill-membri l-oħra meta jkun hemm żvilluppi.

6.3 Clayton Gauci ressaq ilment ta' xi residenti dwar il-ħin li fih jinġabar l-iskart. Il-Kuntrattur ser jiġi infurmat u mitlub jieħu azzjoni dwar dan.

6.4 Clayton Gauci staqsa f' hix wasal il-pjan li jsiru riklami ta' ħadid quddiem il-ħwienet. Is-Sindku nforma li ser isiru laqgħat mal-Avukat tal-Kunsill biex jiġi fformulat kuntratt biex dan il-proġett jiġi attwat.

6.5 Paul Vella semma' li iż-żewġ handymen tal-Kunsill kienu għamlu xi xogħol ta' manutenzjoni fix-shaft intern tal-uffiċċju amministrattiv.

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

6.6 Giovanni Gatt semma' li għandha ssir talba formali lill-Uffiċċju tal-Kabinett biex persuna mill-lokalita' tiġi kkunsidrata għal-għotja ta' Ġieħ ir-Repubblika. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta li kienet ġa ġiet diskussa fil-Kunsill.

6.7 Paul Vella informa li kien wasal r-rapport preliminari dwar l-istat tal-erbgħa playing fields fil-lokalita'. Is-siti ta' pjazza u tal-Housing Estate ġew indikati li għandhom jiżżarmaw immedjatament. Fil-fatt il-handymen tal-Kunsill wettqu xogħol immedjat fuqhom. Iż-żewġ siti l-oħra (dawk ta' Ġnien Skorba u Triq l-Alwiża) jistgħu jibqgħu jintużaw sakemm joħroġ ir-rapport finali li għandu jipproponi x' titjieb jista' jseħħ fihom.

6.8 Clayton Gauci semma' li fi Triq il-Ħaddedin hemm pal tal-bajtar li qed jostakola partijiet mit-triq. Ser jintbgħat il-handyman tal-Kunsill biex jara x' għandu jsir.

6.9 Is-Sindku nforma li kien hemm bżonn ta' xogħol ta' żebgħa fil-Lattrini tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir bla dewmien. Ser jiġi kkunntatjat Victor Mifsud biex jagħmel dan ix-xogħol u li l-ispiża tiegħu għandu tkun ta' €150.

6.10 Eman Vella ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv, Cyprian Dalli jibda' jiddedika parti mix-xogħol tiegħu biex iwettaq dmirijiet relatati mal-proġett Cypfire. Il-Kunsill, wara diskussjoni, qabel dwar dan u ġie deċiż li dan ix-xogħol jitħallas bir-rata ta' €20 fis-siegħa.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.10pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 25 ta' Ottubru 2011, fil-5.30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku